

Brussell, 4 ta' Frar 2022
(OR. en)

5989/22

COH 7
SOC 65

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 34 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar it-tmien Rapport dwar il-Koeżjoni: Il-koeżjoni fl-Ewropa sal-2050

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 34 final.

Mehmuż: COM(2022) 34 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.2.2022
COM(2022) 34 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar it-tmien Rapport dwar il-Koeżjoni: Il-koeżjoni fl-Ewropa sal-2050

{SWD(2022) 24 final}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar it-tmien Rapport dwar il-Koeżjoni: Il-koeżjoni fl-Ewropa sal-2050

1. INTRODUZZJONI

Abbażi tal-analiżi fit-tmien Rapport dwar il-Koeżjoni, din il-Komunikazzjoni tippreżenta l-bidliet ewlenin fid-disparitajiet territorjali tul dawn l-aħħar għaxar snin, u kif il-politiki affettwaw dawn id-disparitajiet. Tenfasizza l-potenzjal tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali bħala xpruni ġodda tat-tkabbir tal-UE, iżda targumenta li mingħajr azzjoni politika xierqa jistgħu jinbtu disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali ġodda. Fl-aħħar nett, tagħti bidu għal riflessjoni dwar kif il-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li tevolvi biex twieġeb għal dawn l-isfidi u b'mod partikolari kif jista' jiġi żgurat li l-approċċi bbażati fuq it-territorju, f'diversi livelli u mmexxija mis-sħubija jkomplu jtejbu l-koeżjoni, filwaqt li jibnu fuq is-sinerġiji u jintegraw l-oġettivi ta' koeżjoni ma' politiki u strumenti oħra.

2. IL-KOEŻJONI FL-UNJONI EWROPEA TJIEBET, IŻDA GĦAD HEMM LAKUNI

Ir-rapport dwar il-Koeżjoni jivvaluta l-evoluzzjoni fit-tul tad-disparitajiet reġjonali, iżda jindirizza wkoll fil-qosor l-effetti drammatiċi fuq terminu qasir tal-pandemija tal-COVID-19. Dan kellu impatt asimmetriku fuq ir-reġjuni tal-UE, u wera differenza fil-kapaċitajiet tal-kura tas-saħħa reġjonali, fir-restrizzjonijiet u fl-istrutturi ekonomiċi. Il-COVID-19 diġà żiedet il-mortalità fl-UE bi 13 % (Kapitolu 1¹), iżda l-impatt sa issa huwa ogħla f'reġjuni inqas żviluppati fejn il-mortalità żiedet bi 17 %². Il-pandemija wasslet għall-akbar reċessjoni sa mill-1945, u affettwat b'mod speċjali setturi li jiddependu fuq l-interazzjoni personali, bħat-turiżmu, u bidlet drastikament l-impjiegi, l-iskejjel u l-interazzjonijiet soċjali tagħna, filwaqt li r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar kellhom impatt sproporzjonat fuq iż-żoni tal-fruntieri.

Il-konverġenza kienet xprunata minn tkabbir għoli f'reġjuni inqas żviluppati, iżda l-vantaġġi tal-ispejjeż baxxi tagħhom u tar-redditi fuq l-investiment fl-infrastruttura jistgħu maż-żmien jonqsu.

¹ Il-Kapitoli msemmija f'din il-Komunikazzjoni huma daww tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż.


² Reġjuni inqas żviluppati għandhom livell ta' PDG ta' inqas minn 75 % mill-medja tal-UE, reġjuni fi tranżizzjoni għandhom bejn 75 % u 100 %, u reġjuni aktar żviluppati għandhom aktar minn 100 %.

Sa mill-2001, ir-reġjuni tal-Lvant tal-UE inqas żviluppati qabdu l-pass tal-bqija tal-UE, u dan wassal għal tnaqqis sostanzjali tal-PDG *per capita* (Mappa 1). Ir-rati għoljin ta' tkabbir tagħhom ġew xprunati mit-trasformazzjoni strutturali, b'mod partikolari ċ-ċaqliq tal-impjiegi mill-agrikoltura lejn setturi b'valur miżjud oġġla. Xi wħud minn dawn ir-reġjuni serrħu fuq l-investment fl-infrastruttura u l-ispejjeż baxxi biex jippromwovu t-tkabbir. Madankollu, ir-redditi fuq l-investment fl-infrastruttura se jonqsu u l-vantaġġi tal-ispejjeż baxxi se jonqsu jekk il-pagi reali jikbru b'rata aktar mgħaġġla mill-produttività, speċjalment fis-setturi kummerċjali. Biex jiġi evitat li fil-futur l-iżvilupp jitrażżan, ir-reġjuni inqas żviluppati se jkollhom bżonn jagħtu spinta lill-edukazzjoni u t-taħriġ, iżidu l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, u jtejbju l-kwalità tal-istituzzjonijiet tagħhom.

Diversi reġjuni b'introjtu medju u reġjuni inqas żviluppati, speċjalment fin-Nofsinhar tal-UE, soffrew minn staġnar jew tnaqqis ekonomiku (Mappa 1), u dan jissuġġerixxi li jinsabu bl-iżvilupp imrażzan³ (Mappa 2). Fl-2008 ħafna ntlawtu mill-kriżi ekonomika u finanzjarja, u minn dak iż-żmien 'l hawn baww biex jirkupraw. It-tkabbir fuq terminu twil jirrikjedi riformi fis-settur pubbliku, forza tax-xoġġol b'ħiliet imtejba u kapaċità aktar b'saħħitha għall-innovazzjoni.


³ Reġjun jitqies bl-iżvilupp imrażżan jekk it-tkabbir tiegħu jkun naqas u jkun aktar baxx mit-tkabbir tal-UE u/jew dak nazzjonali. Il-Mappa 2 turi r-reġjuni li kienu l-aktar jew ta' spiss bl-iżvilupp imrażżan bejn l-2000 u l-2019. Ir-reġjuni bil-griż, fil-biċċa l-kbira tagħhom ma kellhomx żvilupp imrażżan.

Mappa 1



Growth of GDP/head, 2001-2019

Average percentage change on the preceding year




EU-27= 1.21
Source: DG REGIO based on JRC and Eurostat data

0 500 km


© EuroGeographics Association for the administrative boundaries

Mappa 2



Number of years in a development trap during 2001-2019 by level of GDP per head in 2000

GDP/head (index EU-27=100) vs. years



Six capital regions have been merged with the surrounding regions to limit distortions in the GDP/head values.
Source: DG REGIO calculations based on JRC and Eurostat data

0 500 Km

© EuroGeographics Association for the administrative boundaries

Ir-reġjuni metropolitani kapitali għandhom prestazzjoni aħjar minn ta' reġjuni oħra. Bejn l-2001 u l-2019, il-PDG reali *per capita* fir-reġjuni metropolitani kiber aktar malajr milli f'reġjuni oħra tal-UE (Kapitolu 2). Fin-Nofsinhar u fil-Lvant tal-UE, kemm ir-reġjuni kapitali kif ukoll dawk metropolitani kellhom PDG ogħla u tkabbir fl-impjegi *per capita*, li wasslu għal konċentrazzjoni dejjem akbar ta' attività ekonomika u ta'


impjiegi f'dawn ir-reġjuni. Madankollu, fil-Majjistral tal-UE, ir-reġjuni metropolitani u reġjuni oħra kibru b'pass simili, filwaqt li r-reġjuni kapitali biss kibru kemxejn aktar malajr.

Sar progress sinifikanti fit-titjib tal-impjiegi u tal-inklużjoni soċjali⁴, iżda għad fadal sfidi strutturali importanti.

L-impjiegi qed jiżdiedu, iżda d-disparitajiet reġjonali għadhom akbar minn kif kienu qabel l-2008 (Kapitolu 5). Il-kriżi ekonomika tal-2008 wasslet għal żieda sinifikanti fid-disparitajiet reġjonali kemm fir-rati tal-impjiegi kif ukoll fir-rati tal-qgħad. Fil-livell tal-UE, ir-rata tal-impjiegi rkuprat kompletament mill-kriżi u laħqet l-ogħla valur tagħha fl-2019, bi 73 % jkunu dawk li għandhom bejn l-20 u l-64 sena. Id-disparitajiet reġjonali naqsu mill-2008 'l hawn, iżda għadhom akbar minn ta' qabel il-kriżi ekonomika. Ir-rati ta' impjieg f'reġjuni inqas żviluppatti għadhom ferm inqas minn dawk f'reġjuni aktar żviluppatti (Mappa 3).

⁴ Ara d-dimensjoni reġjonali tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali <https://ec.europa.eu/eurostat/web/european-pillar-of-social-rights/indicators/data-by-region>

Mappa 3




It-tnaqqis fid-disparitajiet reġjonali fl-impjiegi jirrikjedi żieda fl-impjiegi u tnaqqis fid-differenza ta' bejn il-ġeneri. F'reġjuni inqas żviluppati, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija kważi d-doppju ta' dik f'reġjuni aktar żviluppati (sbatax apparagun ta' disa' punti perċentwali). B'mod ġenerali, in-nisa f'reġjuni inqas żviluppati huma probabbilment aktar żvantaġġati meta mqabbla mal-irġiel fl-istess reġjun, u x'aktar li ma jkollhomx l-istess livell għoli ta' kisbiet meta mqabblin ma' nisa ta' reġjuni oħra.

L-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali naqas bi 17-il miljun bejn l-2012 u l-2019, l-aktar minħabba t-tnaqqis fl-għadd ta' persuni f'depravazzjoni materjali estrema fl-Istati Membri tal-Lvant. Biex tintlaħaq il-mira tal-UE għall-2030 li jitnaqqas l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun, jeħtieġ li tinżamm ir-rata attwali ta' tnaqqis tal-faqar tul l-għaxar snin li ġejjin. Il-pandemija, madankollu, żiedet l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali b'ħames miljun ruħ fl-2020.


Id-disparitajiet fis-saħħa qed jonqsu. L-istennija tal-għomor żdiedet b'rata aktar mgħaġġla f'reġjuni inqas żviluppati matul dawn l-aħħar għaxar snin milli f'reġjuni oħra. Madankollu, l-istennija tal-għomor għadha baxxa meta mqabbla mal-medja tal-UE f'ħafna reġjuni tal-Lvant (Mappa 4). Il-pandemija naqqset l-istennija tal-għomor fl-2020 fi kważi l-Istati Membri kollha, iżda din x'aktarx li tkun temporanja (Kapitolu 1). Il-pandemija enfasizzat ukoll id-differenzi reġjonali fil-kapaċità tal-kura tas-saħħa.

Mappa 4



Life expectancy, 2019

Life expectancy at birth in years



EU-27 = 81.3

Source: Eurostat (demo_r_mlifexp)

0 500 km


© EuroGeographics Association for the administrative boundaries

Il-politika ta' koeżjoni għenet biex jitnaqqsu d-disparitajiet.

L-immudellar ekonomiku jindika li fl-2023, il-PDG *per capita* se jkun 2,6 % ogħla fir-reġjuni inqas żviluppatti minħabba l-appoġġ mill-politika ta' koeżjoni bejn l-2014 u l-2020. Dan il-mudell juri wkoll li d-distakk bejn il-PDG *per capita* fir-reġjuni li jirrappreżentaw l-ogħla u l-inqas deċili se jonqos bi 3,5 % (Kapitolu 9).

Wara t-tnaqqis tal-investimenti pubbliċi nazzjonali minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja, **il-politika ta' koeżjoni saret sors aktar importanti għall-investiment** (Kapitolu 8). Fil-pajjiżi tal-koeżjoni, il-finanzjament ta' koeżjoni kiber mill-ekwivalenti ta' 34 % għal 52 % tal-investiment pubbliku totali mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 sal-perjodu ta' programmazzjoni tal-2014-2020 (Figura 1). Mingħajr il-politika ta' koeżjoni, it-tnaqqis fl-investiment pubbliku kien ikun saħansitra akbar f'dawn il-pajjiżi.

Illustrazzjoni 1: Allokazzjonijiet tal-politika ta' koeżjoni apparagun tal-investiment pubbliku, tal-2007-2013 u tal-2014-2020



Il-politika ta' koeżjoni rreaġixxiet malajr **għall-kriżi tal-COVID-19 billi mmobilizzat finanzjament addizzjonali, billi għamlet eliġibbli l-infiq marbut mar-rispons għall-kriżi, u billi ppermettiet rati ogħla ta' kofinanzjament.** Dan għen lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jirreaġixxu għall-kriżi. Madankollu, il-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li issa terġa' lura għall-missjoni ewlenija tagħha li tnaqqas id-disparitajiet regionali u tippromwovi l-iżvilupp reġjonali fit-tul.

3. L-IXPRUNI TAT-TKABBIR REĠJONALI GĦANDHOM IT-TENDENZA LI JAGĦTU SPINTA LILL-KOEŻJONI

L-investimenti fl-infrastruttura, il-ħiliet, l-innovazzjoni u l-governanza komplew jixprunaw il-konverġenza f'dawn l-aħħar snin. Madankollu, għad hemm lakuni u ħafna xpruni tat-tkabbir għadhom ikkonċentrati f'reġjuni aktar żviluppatti u f'żoni urbani. Riċerka reċenti turi li l-effettività ta' dawn l-investimenti tiddependi fuq taħlita xierqa ta' investiment speċifiku għar-reġjun u qafas istituzzjonali u makroekonomiku tajjeb.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni tal-2014-2020, kważi nofs l-investiment tal-politika ta' koeżjoni appoġġa l-infrastruttura, l-aktar minħabba l-ħtiġijiet fil-Lvant tal-UE. Dan għen biex jitnaqqas id-distakk f'livell ta' prestazzjoni tat-trasport bit-triq fil-Lvant tal-UE, u **biex ma jkunx hemm distakk fin-Nofsinhar tal-UE** (Kapitolu 4). Dan l-investiment tejjeb ukoll il-prestazzjoni ferrovjarja fin-Nofsinhar u fil-Lvant tal-UE. Madankollu, għad hemm bżonn ta' aktar investiment fil-Lvant tal-UE, b'mod partikolari biex tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju.

L-aċċess għall-broadband bażiku huwa kważi universali fl-UE, iżda l-konnessjonijiet b'veloċità għolja ħafna huma disponibbli biss għal tnejn minn kull tliet residenti tal-belt, u għal wieħed minn kull sitt residenti rurali (Kapitolu 4). L-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport u tal-IT waħedhom ma jwasslux awtomatikament għal rati ogħla ta' tkabbir. Jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn politiki li jgħolqu ambjent favorevoli għall-kumpaniji biex jikbru u jgħinu lill-ħaddiema jaċċessaw opportunitajiet ġodda ta' impjieg fir-reġjuni kollha.

L-investimenti suffiċjenti fil-protezzjoni ambjentali, fl-enerġija nadifa u fil-forniment ta' servizzi assoċjati huma essenzjali biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà, il-kompetittività u l-kwalità tal-ħajja fit-tul. **It-tniġġis tal-arja u tal-ilma naqas, iżda għadu għoli wisq f'ħafna reġjuni inqas żviluppatti.** It-tniġġis tal-arja kkawżat minn materja partikolata fina huwa għoli f'ħafna reġjuni tal-Lvant. Fl-UE dan iwassal għal madwar 400,000 mewta prematura fis-sena. Il-konċentrazzjonijiet fl-ożonu għadhom għoljin wisq f'ħafna reġjuni tan-Nofsinhar. It-trattament tal-ilma mormi tjejb fl-UE kollha, iżda għad hemm bżonn ta' aktar investimenti f'ħafna reġjuni inqas żviluppatti u fi tranżizzjoni, biex tiġi protetta u mtejbja l-kwalità tal-ilma (Kapitolu 3).

Il-ħiliet, kif allokat, mhumiex imqassma b'mod uniformi u huma kkonċentrati f'reġjuni aktar żviluppatti, speċjalment fir-reġjuni kapitali. Ir-reġjuni inqas żviluppatti għadhom ferm lura mir-reġjuni fit-tranżizzjoni u dawk aktar żviluppatti f'termini ta' edukazzjoni terzjarja, taġħlim tul il-ħajja u ħiliet diġitali. Minkejja t-titjib fil-livell tal-UE, id-differenzi bejn ir-reġjuni baqgħu kbar. Meta ħafna ħaddiema ma jkollhomx edukazzjoni sekondarja, it-tnaqqis tad-distakk fil-produttività jsir aktar diffiċli. Il-livell tal-edukazzjoni u l-ħiliet juru wkoll qasma kbira bejn il-bliet u ż-żoni rurali. Huwa aktar probabbli li r-residenti tal-belt ikollhom lawrja universitarja, li jipparteċipaw fit-taħriġ u li jkollhom ħiliet diġitali tajbin milli mir-residenti rurali.


L-intraprenditorija hija kruċjali għat-*tkabbir*, iżda għandha t-tendenza li tkun ikkonċentrata fi bliet akbar. Il-kumpaniji l-*għodda huma partikolarment importanti* biex jiddiversifikaw l-attivitajiet ekonomiċi u jgħolqu l-impjiegi f'*reġjuni bi tkabbir baxx*. Ir-rakkomandazzjoni dwar l-Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi (EASE)⁵ wara l-kriżi tal-COVID-19 tenfasizza kif it-tiġdid u t-titjib tal-*hillet u l-appoġġ intraprenditorjali jistgħu jippromwovu tranżizzjonijiet inklużivi minn impjieg għall-*ieħor filwaqt li jittieħed inkonsiderazzjoni l-kuntest reġjonali.**

L-*innovazzjoni* hija l-fattur determinanti importanti għat-*tkabbir ekonomiku reġjonali* fit-tul, iżda **d-distakk fl-innovazzjoni reġjonali fl-Ewropa kiber**. Filwaqt li *ċerti Stati Membri għamlu progress sinifikanti biex ilaħħqu, ħafna reġjuni, inklużi fi Stati Membri aktar żviluppati, għadhom lura (Illustrazzjoni 2)*. Dan mhux biss minħabba nuqqas ta' investiment fir-Riċerka u l-Iżvilupp, iżda wkoll minħabba dgħufijiet fl-*ekosistemi ta' innovazzjoni reġjonali*. Diffużjoni aħjar tal-*innovazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali* tista' tgħin lir-*reġjuni inqas żviluppati u dawk fi tranżizzjoni biex ilaħħqu mal-oħrajn*. L-*istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, li ġew introdotti fil-politika ta' koeżjoni għall-2014-2020, jistgħu jgħinu biex jiġi indirizzat dan id-distakk, iżda jeħtieġ li jiffokaw aktar fuq il-potenzjal reġjonali.*

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) – C(2021) 1372, 4.3.2021.

Illustrazzjoni 2: Id-distakk fl-innovazzjoni reġjonali fl-Ewropa 2021

Prestazzjoni tal-innovazzjoni fir-reġjuni tal-UE, 2021



Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Reġjonali, 2021 (N1/N2),

Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea, 2021 (n0)

● Reġjun kapitali
● Reġjuni NUTS2 oħra
— Medja nazzjonali
— EU27_2020


AT, BE, FR: N1

Dan id-distakk fl-innovazzjoni huwa ggravat minn **innovazzjoni dgħajfa u mill-effetti limitati tar-rabtiet tal-kummerċ internazzjonali u tal-ktajjen tal-valur fuq il-kapital uman** f'ħafna reġjuni inqas żviluppatti u fi tranżizzjoni. Minkejja l-investiment dirett barrani (FDI, foreign direct investment) u l-esportazzjonijiet ta' spiss sinifikanti, ħafna reġjuni jonqsu milli jisfruttaw il-benefiċċji għad-ditti u għall-ħaddiema lokali. L-adozzjoni fqira tat-teknoloġiji diġitali, tal-prattiki maniġerjali u tat-teknoloġiji tal-industrija 4.0 fin-negozju u fis-settur pubbliku tfisser li ħafna reġjuni mhumiex lesti li jieħdu vantaġġ minn opportunitajiet ġodda, u hekk kif jevolvu l-ktajjen tal-valur, jkunu potenzjalment vulnerabbli għar-rilokazzjoni.

Il-governanza fl-UE qiegħda fil-biċċa l-kbira titjieb, iżda għad hemm lakuni bejn u fi ħdan l-Istati Membri (Mappa 5⁶) (Kapitolu 7). It-titjib tal-istituzzjonijiet jista' jikkontribwixxi għal investiment aktar effettiv, livelli ogħla ta' innovazzjoni u ta' intraprenditorija, li huma importanti għal tkabbir ekonomiku fit-tul. L-Istati Membri kollha tejbju l-ambjent tan-negozju tagħhom, iżda għad hemm varjazzjonijiet sinifikanti. L-effettività tas-sistema ġudizzjarja tvarja wkoll bejn l-Istati Membri u fi ftit Stati Membri l-istat tad-dritt iddeterjora maż-żmien.

⁶ L-indiċi huwa bbażat fuq stħarriġ reġjonali li jkejje l-kwalità tal-pulizija lokali, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa u l-korruzzjoni, in-nepotiżmu u d-diskriminazzjoni fl-għoti ta' dawn is-servizzi.

Mappa 5




Ir-rwol u l-kapaċità tal-gvernijiet sottonazzjonali fl-iżvilupp ekonomiku għadhom irregolari, għalkemm iwettqu l-biċċa l-kbira tal-investiment pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-adattament għat-tibdil fil-klima (Kapitolu 8). Il-politiki bbażati fuq it-territorju huma partikolarment importanti f'pajjiżi b'disparitajiet ekonomiċi interni sinifikanti. L-awtonomija lokali u reġjonali kibret bil-mod fil-pajjiżi ta' koeżjoni matul l-aħħar deċennji, iżda għadha aktar baxxa milli fil-bqija tal-UE. Peress li l-ġestjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni hija sfida għar-reġjuni bi ftit awtonomija u b'inqas esperjenza fit-twettiq tal-investimenti pubbliċi, il-politika ta' koeżjoni għenet biex issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp reġjonali, b'mod partikolari permezz ta' strumenti territorjali u tal-kooperazzjoni fi ħdan żoni funzjonali.

4. OPPORTUNITAJIET ĠODDA GĦAT-TKABBIR, IŻDA HEMM RISKJU TA' DISPARITAJIET ĠODDA


Fit-30 sena li ġejjin, it-tkabbir tal-UE se jkun xprunat mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dawn se jgħibu opportunitajiet ġodda, iżda se jirrikjedu bidliet strutturali sinifikanti li x'aktarx joħlqu disparitajiet reġjonali ġodda. Jekk tiġi injorata, it-tranżizzjoni demografika tista' ddgħajjed kemm il-koeżjoni kif ukoll it-tkabbir. Il-mod kif jiġu ġestiti dawn it-tranżizzjonijiet se jiddetermina jekk ir-reġjuni u ċ-ċittadini kollha, jgħixu fejn jgħixu, humiex se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn it-tranżizzjonijiet. Mingħajr viżjoni territorjali ċara ta' kif dawn il-proċessi se jiġu ġestiti u mingħajr l-implimentazzjoni ambizzjuża tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, għadd dejjem jikber ta' nies jistgħu jħossu li mhux jingħataw widen u li l-impatt fuq il-komunitajiet tagħhom mhux jitqies, u dan jista' jwassal għal nuqqas ta' sodisfazzjon bid-demokrazija. Biex l-Ewropa titħejja biex tindirizza dawn l-isfidi, huwa essenzjali li jiġu promossi t-tranżizzjonijiet minn impjeg għal ieħor lejn setturi ekoloġiċi u diġitali, u li jitnaqqsu l-ħiliet nieqsa relatati, kif propost fir-Rakkomandazzjoni dwar l-EASE.

It-tranżizzjoni ekoloġika u speċjalment l-għanijiet tal-ekonomija ċirkolari u newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju se jittrasformaw l-ekonomiji tagħna. Dan se jagħti spinta lill-impjegi f'setturi bħall-enerġija rinnovabbli, ir-riċiklaġġ, id-disinn, ir-rinnovazzjoni u s-servizzi tal-ekosistema, iżda jista' jaffettwa b'mod negattiv lis-setturi li jeħtieġu jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom u r-reġjuni fejn dawn jinsabu (Mappa 6 u 7). Il-kapital naturali fir-reġjuni rurali jista' jagħti spinta lill-impjegi fil-ġestjoni tas-servizzi tal-ekosistema u l-enerġija rinnovabbli. Għaldaqstant l-impatt soċjali tal-għan tal-UE li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 se jvarja minn reġjun għal ieħor u jista' jkun aktar qawwi f'dawk li għandhom rati għolja ta' faqar. Dan se jirrikjedi l-appoġġ ta' strumenti ta' politika bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

Mappa 6



Change in total CO2 emissions from fossil fuels between 1990 and 2018




Source: JRC-EDGAR gridded CO2 data

0 500 km

© EuroGeographics Association for the administrative boundaries

Mappa 7



CO2 emissions from fossil fuels per head, 2018

- tCO2 per head
- ≤ 4.5
 - 4.5 - 6.0
 - 6.0 - 8.0
 - 8.0 - 10.0
 - 10.0 - 15.0
 - > 15.0

EU-27 = 7.2
Source: Crippa e.a. (2019)

0 500 km

© EuroGeographics Association for the administrative boundaries

It-tranżizzjoni diġitali miexja 'l quddiem b'ritmi differenti fl-Ewropa. Din tirrikjedi, biex titlesta, li jiġi estiż l-aċċess għall-internet b'veloċità għolja ħafna, li jissaħħu l-ħiliet diġitali u l-investiment fit-tagħmir tal-IT. Dan se jkun ta' benefiċċju għaż-żoni rurali minħabba li l-konnessjonijiet tal-internet tagħhom għandhom it-tendenza li ma jkunux veloċi u li l-ħiliet diġitali tagħhom ikunu taħt il-medja. Aċċess għal internet aktar veloċi se jippermetti li aktar nies jaħdmu mid-dar, jitjeb l-aċċess għas-servizzi online, inkluż it-taħriġ, is-saħħa u l-kummerċ elettroniku (e-Kummerċ), u jista' jinkoraġġixxi aktar servizzi biex joħorġu miċ-ċentri urbani ewlenin. L-Istati Membri inqas żviluppatti se jibbenefikaw aktar minn din it-tranżizzjoni peress li l-kumpaniji tagħhom għadhom lura fl-użu tagħhom tat-teknoloġiji diġitali, tal-e-Kummerċ u tal-prattiki tan-negozju elettroniku.

It-tibdil demografiku, b'mod partikolari t-tixjiħ, se jaffettwa r-reġjuni kollha, iżda l-ewwel lir-reġjuni rurali. Matul l-għaxar snin li ġejjin, il-popolazzjoni fl-età ta' 65 sena u aktar hija pproġettata li tikber b'aktar minn 25 % f'wieħed minn kull ħames reġjuni. Il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol hija pproġettata li tonqos b'aktar minn 10 % f'wieħed minn kull erba' reġjuni. Il-popolazzjoni ta' taħt l-20 hija pproġettata li tonqos b'aktar minn 10 % f'wieħed minn kull tliet reġjuni. B'mod ġenerali, is-sehem tal-popolazzjoni li tgħix f'reġjun li qed jiċkien huwa pproġettat li jiżdied minn 34 % għal 51 % bejn l-2020 u l-2040 (Kapitolu 6). Ir-reġjuni rurali huma affettwati b'mod speċjali peress li diġà qed jonqsu (Figura 3). Dawn ix-xejriet jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tat-tkabbir, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-aċċess għas-servizzi.

Illustrazzjoni 3: Il-bidla naturali fil-popolazzjoni, il-migrazzjoni netta u l-bidla totali fil-popolazzjoni skont it-tipoloġija reġjonali urbana-rurali u skont it-tip ta' reġjun metropolitan matul is-snin 2010-2019

Bidla annwali medja għal kull 1000 resident	Bidla naturali fil-popolazzjoni	Migrazzjoni netta	Bidla totali fil-popolazzjoni		Bidla annwali medja għal kull 1000 resident	Bidla naturali fil-popolazzjoni	Migrazzjoni netta	Bidla totali fil-popolazzjoni
Fil-Majjistral					Fil-Majjistral			
Urbana	2,5	4,1	6,6	reġ. metro. kapitali	5,1	3,3	8,4	
Intermedja	0,1	3,8	3,9	reġ. metro. oħra	0,5	4,5	5,0	
Rurali	-1,3	2,5	1,2	reġ. mhux metro.	-0,8	2,7	1,8	
Fin-Nofsinar					Fin-Nofsinar			
Urbana	0,0	2,5	2,6	reġ. metro. kapitali	1,0	2,7	3,7	
Intermedja	-1,7	1,9	0,2	reġ. metro. oħra	-0,5	2,5	2,0	
Rurali	-4,7	1,0	-3,7	reġ. mhux metro.	-2,5	1,5	-1,0	
Fil-Lvant					Fil-Lvant			
Urbana	-0,5	2,7	2,2	reġ. metro. kapitali	-0,3	4,7	4,5	
Intermedja	-1,9	-0,4	-2,3	reġ. metro. oħra	-1,0	0,2	-0,7	
Rurali	-1,9	-2,3	-4,2	reġ. mhux metro.	-2,4	-2,3	-4,7	
FI-UE					FI-UE			
Urbana	1,2	3,3	4,5	reġ. metro. kapitali	2,7	3,5	6,2	
Intermedja	-0,9	2,1	1,2	reġ. metro. oħra	0,0	3,2	3,2	
Rurali	-2,0	0,4	-1,6	reġ. mhux metro.	-1,8	0,8	-1,0	

F'dawn l-aħħar snin, xi postijiet fl-Ewropa esperjenzaw tkabbir bil-mod ħafna, jekk mhux tnaqqis, fl-opportunitajiet ekonomiċi, fil-mobbiltà soċjali u fil-kwalità tal-ħajja.

Dan it-tnaqqs ekonomiku fuq terminu twil wassal għal skuntentizza li dejjem qed tikber fost iċ-ċittadini. L-Ewrobarometri juru li r-residenti rurali probabbliement aktar jaħsbu li mhux jingħataw widen, u ma jkollhomx fiduċja fl-UE. Madankollu, iċ-ċittadini għandhom aktar fiduċja fil-gvernijiet reġjonali u lokali milli fl-awtoritajiet nazzjonali jew fil-livell ta' UE. Biex jiġi indirizzat dan it-tħassib, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jenħtieġ li jkunu ġusti, ġestiti b'mod inklużiv u żviluppati fi sħubiji mal-gvernijiet reġjonali u lokali.

5. L-ISFIDI GĦALL-POLITIKA TA' KOEŻJONI

Ir-Rapport ta' Prospettiva Strategika⁷ jenfasizza x-xejriet ewlenin, jiġifieri l-isfidi klimatiċi u ambjentali oħra, l-iperkonnnettività diġitali u t-trasformazzjonijiet teknoloġiċi, il-pressjoni fuq id-demokrazija u l-bidliet fl-ordni globali u fid-demografija. Matul dawn l-aħħar għoxrin sena, il-politika ta' koeżjoni naqqset id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali. Madankollu, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u demografiċi ewlenin jistgħu joħolqu disparitajiet ġodda, iżidu d-domandi fuq l-awtoritajiet nazzjonali u lokali, iwasslu għal skuntentizza popolari u jitfgħu pressjoni fuq id-demokraziji tagħna. Dawn l-isfidi se jaffettwaw ukoll lil pajjiżi żviluppati oħra. L-iskambji ta' politika ma' pajjiżi interessati oħra jistgħu jkomplu jarrikkixxu d-dibattitu ta' politika tagħna.

Kif tista' l-politika ta' koeżjoni, flimkien ma' politiki oħra tal-UE, tindirizza dawn l-isfidi l-ġodda? Iċ-ċittadini tal-Ewropa jeħtieġ li jkollhom fiduċja fil-futur tagħhom, kull fejn jgħixu. Il-politika ta' koeżjoni tista' sserraħ moħħ l-Ewropej bi tliet modi: l-ewwel nett, billi toffrilhom perspettiva ekonomika pożittiva għar-reġjun tagħhom; it-tieni, billi tindirizza t-tħassib tagħhom dwar il-kwalità tal-ħajja tagħhom, l-opportunitajiet ta' impjiegi u l-inklużjoni soċjali, u t-tielet, billi tiżgura li l-ispejjeż u l-benefiċċji biex jingħelbu l-isfidi l-ġodda jinqas b'mod ġust. Dan jista' jsir billi jiġu identifikati l-aħjar reazzjonijiet kontra dak li qed jixpruna d-disparitajiet, billi jissaħħaħ ir-rwol tar-reġjuni u jitqies l-impatt territorjali tal-politiki orizzontali tal-UE. F'konformità mal-għan ta' konverġenza soċjali aktar 'l fuq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jenħtieġ li jitnieda dibattitu ta' ta' politika wiesa' taħt dawn it-temi biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-politika għal wara l-2027.

L-indirizzar ta' fatturi ġodda ta' disparitajiet billi:

- **Tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta.** Il-bidla lejn ekonomija newtrali għall-klima, ċirkolari, il-protezzjoni tal-ambjent tagħna, ir-restawr tan-natura u t-tnaqqs tat-tniġġis se jiġġeneraw ħafna benefiċċji, iżda l-ispejjeż ta' din għandhom jitqas b'mod ġust. Il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta jista' jiġi estiż biex jindirizza l-ispejjeż soċjali tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u sfidi ambjentali l-oħra, inkluż billi jiġu antiċipati aħjar it-tibdiliet strutturali, il-ġlieda

⁷ https://ec.europa.eu/info/strategy/strategic-planning/strategic-foresight/2021-strategic-foresight-report_en

kontra l-faqar, l-investment fil-ħiliet u l-ħidma mill-qrib mas-sħab soċjali u l-atturi tas-soċjetà ċivili fil-livelli territorjali kollha.

- **Tissaħħaħ ir-reżiljenza u r-rispons għal xokkijiet asimmetriċi.** Il-pandemija tenfasizza l-ħtieġa li l-politika ta' koeżjoni tkun kapaċi tirrispondi għal xokkijiet mhux mistennija, b'mod partikolari marbuta mal-globalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika. Ir-reġjuni li jiddependu ħafna fuq ftit setturi tal-manifattura jew tas-servizzi kummerċjabbli ristretti huma partikolarment vulnerabbli. Id-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali flimkien ma' politiki bbażati fuq it-territorju, bħal strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, tista' tgħin lir-reġjuni jsiru aktar produttivi u inqas vulnerabbli għax-xokkijiet.
- **Jiġu megħjuna r-reġjuni biex jirreaġixxu għat-tibdil demografiku.** Il-kumpaniji se jkollhom jadattaw għal forza tax-xogħol li qed tonqos billi jirreklutaw aktar minn gruppi b'rati aktar baxxi ta' impjieg, bħaż-żgħażaġh, in-nisa u l-migranti mhux mill-UE, u billi jinvestu aktar fl-innovazzjoni, fit-teknoloġiji li jiffrankaw u jżidu x-xogħol, u fit-tagħlim għall-adulti, b'mod partikolari għall-ħaddiema akbar fl-età u b'livell baxx ta' ħiliet, u dan jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tas-Summit ta' Porto⁸. L-iskejjel primarji u sekondarji se jkollhom jaġġustaw għall-għadd aktar baxx ta' studenti, filwaqt li servizzi pubbliċi oħra u tal-kura tas-saħħa se jkollhom jaqdu għadd dejjem jikber ta' residenti aktar anzjani.
- **Tiġi indirizzata l-pressjoni fuq id-demokrazija u l-valuri tagħha.** L-istrumenti territorjali li jinvolvu l-atturi lokali fi bliet, irħula, żoni rurali, żoni kostali u gżejjer u l-prinċipju tas-sħubija fil-politika ta' koeżjoni jistgħu jgħinu biex tiġi indirizzata l-pressjoni fuq id-demokrazija billi tiżdied is-sjeda tal-politiki Ewropej. Il-kooperazzjoni territorjali tista' toħloq komunitajiet ġodda ta' interess komuni u tappoġġa t-twassil viżibbli tal-beni pubbliċi f'livelli territorjali differenti.

Jissaħħaħ r-rwol tar-reġjuni fil-bini tal-futur tal-Ewropa billi:

- **Jinħolqu perspettivi ekonomiċi ġodda għal reġjuni inqas żviluppati u periferiċi.** Ir-reġjuni inqas żviluppati u periferiċi jista' jkollhom bżonn paradigma ta' żvilupp ġdida. Din jenħtieġ li tqis l-opportunitajiet emerġenti, ir-rabtiet internazzjonali, id-distribuzzjoni territorjali ta' ħtiġijiet u allokkazzjonijiet speċifiċi, u l-provvista ta' beni pubbliċi bħar-riżorsi strateġiċi, il-bijodiversità, l-enerġija rinnovabbli u l-kumditajiet.
- **Tiġi integrata l-innovazzjoni fir-reġjuni kollha.** L-indirizzar tad-dgħufijiet fid-diffużjoni u l-adozzjoni ta' ideat u teknoloġiji ġodda u l-inkoraġġiment ta' innovazzjoni fuq bażi wiesgħa se jiżguraw li r-reġjuni kollha jkunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċju ta' ekonomija dejjem aktar intensiva fl-għarfien.

⁸ Inkluż l-għan li ta' kull sena mill-inqas 60% tal-adulti jsegwu taħriġ. <https://www.2021portugal.eu/media/icfksbgy/porto-social-commitment.pdf>

- **Tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera u interreġjonali.** Il-pandemija enfasizzat id-diffikultajiet li wieħed ikollu biex jaqsam il-fruntiera nazzjonali minħabba xogħol, edukazzjoni, kura tas-saħħa u servizzi oħrajn. Il-prestazzjoni tat-trasport bit-triq u bil-ferrovija hija aktar baxxa fir-reġjuni tal-fruntiera. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet jirrikjedi governanza aħjar taż-żoni funzjonali tal-fruntieri, koordinazzjoni aktar b'saħħitha tas-servizzi, infrastruttura u investment, u skambju ta' esperjenza appoġġat minn riċerka pan-Ewropea.
- **Jissaħħu r-rabtiet urbani-rurali u r-rwol ta' bliet u rħula iżgħar fl-appoġġ taż-żoni rurali.** Il-bliet il-kbar u r-reġjuni metropolitani tagħhom spiss jixprunaw l-iżvilupp ekonomiku. Ċerti bliet, irħula u villaġġi iżgħar jipprovdu aċċess għal firxa wiesgħa ta' servizzi pubbliċi u privati. Ir-rwol tagħhom bħala ċentri reġjonali jfisser li jipprovdu punt ta' riferiment għal reġjun usa'. It-tisħiħ tar-rwol tagħhom jista' jagħti spinta lill-iżvilupp ekonomiku u jtejjeb il-kwalità tal-ħajja. Filwaqt li ż-żoni urbani għandhom sfidi distinti, it-tisħiħ ulterjuri tar-rabtiet fiż-żoni funzjonali jista' jkun ta' benefiċċju kemm għar-residenti urbani kif ukoll għal dawk rurali. Il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali⁹ tipprovdi qafas biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żoni rurali.
- **Jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' postijiet li jibqgħu lura.** Xi reġjuni huma kkonfrontati bil-wirt ta' bidliet strutturali li naqqsu s-sorsi tradizzjonali ta' impjieg li wasslu għal nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet u degradazzjoni ambjentali, li jwasslu għal trażżin fl-iżvilupp. Żoni bħal dawn spiss jinsabu f'pajjiżi jew reġjuni bi dħul medju. Dawn jeħtieġu politiki mmirati biex dawn il-komunitajiet jiġu integrati fl-ekonomija reġjonali u nazzjonali usa', f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

L-iżvilupp ta' għodod biex titwassal il-koeżjoni sal-2050 billi:

- **Jiżdiedu l-effettività tal-politiki bbażati fuq it-territorju.** Qed tiġi dejjem rikonoxxuta aktar il-ħtieġa li l-politiki strutturali nazzjonali jiġu kkumplimentati b'politiki bbażati fuq it-territorju. L-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti turi kif nistgħu nibnu fuq l-assi lokali biex tissaħħaħ il-kompetittività u l-ekosistema tal-innovazzjoni. Il-pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta mmirati fuq livell lokali jidderieġu l-appoġġ dirett Ewropew lejn id-ditti, l-ħaddiema u l-komunitajiet l-aktar milquta mit-tibdil strutturali xprunat mill-klima. Dan l-approċċ jenħtieġ li jissaħħaħ għal objettivi ta' politika fundamentali oħra taħt il-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Barra minn hekk, l-approċċ ta' żvilupp territorjali integrat u l-objettiv ta' politika apposta, "Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini", jenħtieġ li jintużaw bis-sħiħ.

⁹ COM(2021) 345 final, 30.6.2021.

- **Ikompli jiġi ssimplifikat t-twassil tal-politika ta' koeżjoni għall-benefiċjarji.** Abbażi tas-simplifikazzjonijiet u tal-flessibilità li diġà ġew introdotti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, kemm taħt il-politika ta' koeżjoni kif ukoll taħt fondi rilevanti oħra relatati mal-investment, għandu jiġi kkunsidrat aktar titjib favur il-benefiċjarji fit-twettiq tal-politika. Fl-istess ħin, il-prinċipji fundamentali ta' implimentazzjoni parteċipattiva u bbażata fuq it-territorju, bħall-governanza f'diversi livelli u l-prinċipju tas-sħubija, jenħtieġ li jissaħħu.
- **Jissaħħaħ ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni biex jiġi sfruttat l-investment pubbliku u privat fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u demografiċi.** Il-politika ta' koeżjoni jista' jkollha rwol akbar biex jitħeġġeġ l-investment fil-livelli reġjonali, lokali u tal-bliet, bl-użu tar-riżorsi tas-settur privat u billi jiġu appoġġati l-adattamenti istituzzjonali meħtieġa. Dan ifisser li jiġi żgurat li l-atturi pubbliċi u privati fil-livell xieraq ikollhom il-kapaċità meħtieġa li jappoġġaw dawn l-investimenti permezz ta' dħul mit-taxxa, imposti tal-utenti, tariffi u sorsi oħra ta' dħul fit-tul. Sforzi bħal dawn jenħtieġ li jkunu relatati mal-appoġġ mill-Kummissjoni biex jissaħħu l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-finanzjament sostenibbli.
- **Jiżdiedu l-investimenti fin-nies tul ħajjithom.** Biex l-Ewropa fil-futur tkun kompetittiva u koeżiva se jkun meħtieġ investiment akbar u aħjar fl-edukazzjoni u t-taħriġ tan-nies, b'mod partikolari fil-ħiliet, il-kreattività u l-potenzjal tagħhom li joħolqu negozji u li jkunu innovattivi. Dan se jkun essenzjali sabiex ikollna suċċess fit-tranżizzjonijiet teknoloġiċi, ekoloġiċi u diġitali li hemm quddiemna. Biex issaħħaħ il-koeżjoni soċjali tagħha u tindirizza l-ħtiġijiet tal-gruppi li tħallew lura, jeħtieġ li l-Ewropa tinvesti f'miżuri mmirati ta' attivazzjoni u ta' inklużjoni soċjali filwaqt li tkompli tappoġġa r-riformi ta' politika mmirati lejn l-iżvilupp inklużiv.
- **Jissaħħu l-komplementarjetajiet fi ħdan politiki oħra tal-UE.** L-approċċ attwali għas-sinerġiji fil-baġit tal-UE, li jikkonċentra fuq l-inputs u l-flussi finanzjarji, jeħtieġ li jkun aktar iffukat fuq il-komplementarjetajiet tal-politika reali. L-oqsma ġodda ta' politika jeħtieġ li jingħataw attenzjoni reġjonali speċifika - bħal pereżempju l-interdipendenzi strateġiċi, il-politika soċjali dwar il-klima, l-Alleanzi Industrijali Ewropej - fejn il-politika ta' koeżjoni tista' tkun partikolarment rilevanti. Il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali u l-verifiki rurali jenħtieġ li jissaħħu, sabiex il-ħtiġijiet u l-ispeċifitàjiet ta' territorji differenti tal-UE jitqiesu aħjar. Jenħtieġ li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni", jiġifieri li l-ebda azzjoni ma għandha tfixkel il-proċess ta' konverġenza jew tikkontribwixxi għad-disparitajiet reġjonali, jiġi żviluppat aktar u integrat fit-tfassil tal-politika.
- Il-Faċilità tal-UE għall-Irkupru u r-Reżiljenza se tipprovdi sa EUR 724 biljun lill-Istati Membri. Minn dan il-finanzjament 37 % għandu jappoġġa l-azzjoni klimatika u 20 % lit-tranżizzjoni diġitali. L-sfida ewlenija se tkun biex jiġi żgurat li dawn ir-riżorsi jikkontribwixxu għall-koeżjoni b'mod ikkoordinat.

Il-Forum dwar il-Koeżjoni tal-2022 se jniedi dibattitu fost il-partijiet ikkonċernati dwar it-tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-kriżi reċenti, u riflessjonijiet dwar l-isfidi tal-futur għall-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiżgura li l-ebda territorju ma jitħalla barra.